# WIRT IŻ-ŻEJTUN


*Ħajt il-Wied fi tlugħ ix-xemx*

## BIEX INŻOMMUK INFURMAT

Diċembru 2015 Ħarġa Nru. 19

## *Editorjal:* Għaliex ix-Xlokk?

**Matul is-sena 2016, il-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun se tkun qed tfakkar għeluq l-400 sena minn meta saret Matriċi, filwaqt li sħabna ż-Żabbarin se jfakkru għeluq ir-raba' ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa.**

Qabel dan l-avveniment li sar 400 sena ilu, il-parroċċa ta' Sancta Caterina kienet mifruxa mill-inħawi tax-Xagħjra sal-Bajja ta' San Ġorġ fil-Port ta' Marsaxlokk u kellha taħt ir-responsabilta' tagħha numru ta' rħajla li llum jiffurmaw il-lokalitajiet taż-Żejtun, Ħaż-Żabbar, ix-Xagħjra, Wied il-Għajn, Marsaxlokk, Ħal-Għaxaq u parti minn Birżebbuġa. B'hekk tista' tgħid li x-Xlokk kollu ta' Malta kien parti minn din il-parroċċa.

Ftit japprezzaw il-fatt li din il-parroċċa kienet tmiss mal-Birgu, u għalhekk, mal-Port il-Kbir, kif ukoll li matul il-kosta kellha l-Bajja ta' Wied il-Għajn, il-Bajja ta' San Tumas, id-daħliet u l-kalanki kollha matul Delimara, u l-Port ta' Marsaxlokk. Medda twila ta' kosta li sa qabel il-bidu tas-Seklu 17 ma kellha ebda difiża biex tħarisha mill-attakki tal-għadu.

Irridu ngħidu wkoll li dawn l-inħawi kienu mfittxija sa mill-qedem. Fil-fatt l-eqdem prova li nstabet s'issa ta' ħajja umana f'Malta, ġiet skoperta f'Għar Dalam, li wkoll kien fil-konfini ta' din il-parroċċa. Dan barra l-bosta fdalijiet arkeoloġiċi ta' diversi perjodi li nstabu mifruxa fl-inħawi tax-Xlokk.

L-inħawi tax-Xlokk ta' Malta huma wkoll għonja fil-wirt kulturali u storiku, kemm f'arkitettura u wirt ekkleżjastiku. Jeżisti wkoll wirt intanġibbli li spiss ninsew bħal wirt mużikali ta' kompożituri minn dawn il-lokalitajiet bħal Karlu Diacono u d-diversi surmastrijiet. Insemmu wkoll il-wirt artistiku li ħallewlna diversi artisti li trabbew, għexu u ħadmu fix-Xlokk ta' Malta.

Il-wirt ambjentali u naturali li għandna b'mod partikolari fl-inħawi matul il-kosta, sfortunatament mhux apprezzat biżejjed u spiss nghoxew b'rix ħaddieħor u ma narawx dak li għandna madwarna.

Għandna wkoll il-wirt rurali, ikkaraterizzat minn ħidmet ir-raħħala u l-bdiewa, li kienu u sa ċertu punt għadhom jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-uċuħ tar-raba' u l-indukrar tal-bhejjem tagħhom.

Għaliex ix-Xlokk? Fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin, matul is-sena 2016, ħidmet Wirt iż-Żejtun se tkun qed timraħ matul l-inħawi tax-Xlokk ta' Malta sabiex flimkien nifhmu u napprezzaw aktar dak li joffru dawn l-inħawi. Se nkunu qed noffru lenti sabiex inqanqlu interess fi prodott differenti minn dak offrut f'inħawi oħra f'Malta. Se nkunu qed nuru t-triq kif ix-Xlokk jista' jingħata aktar attenzjoni.

## Logo għal għeluq il-5 Sena

Nhar l-Erbgħa 28 t'Ottubru ġie mniedi l-logo uffiċjali li jfakkar għeluq il-5 sena mit-twaqqif ta' Wirt iż-Żejtun. Dan il-logo ġie ddisinjat minn Marvic Muscat, artist żgħażugħ mix-Xagħra, Għawdex.




Il-logo b'forma ta' numru 5 (5 snin ta' ħidma minn Wirt iż-Żejtun) hu miżbugħ bil-kuluri taż-Żejtun u magħmul minn werqa żebbuġa li tissimbolizza l-interess u r-rispett lejn il-wirt naturali u ambjentali Żejtuni. In-naħa t'isfel insibu tapit aħmar (warm welcome) li permezz tiegħu l-poplu Żejtuni jilqa' fuqu lil kull min irid iżur u jipparteċipa biex jifforma parti mill-istorja u l-kultura taż-Żejtun u niesu.

## PREŻENTAZZJONI LILL-PRIM MINISTRU

Nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru il-kumitat ta' Wirt iż-Żejtun għamel żjara lill-Prim Ministru fl-uffiċċju tiegħu fil-Berġa ta' Kastilja.

Waqt din iż-żjara l-kumitat ippreżenta l-ktieb "The Turkish Raid of 1614" lill-Prim Ministru u ġew diskussi l-pjanijiet tal-għaqda għax-xhur li ġejjin.


DOI - Photo - Pierre Sammut

## Intervista mal-E.T. il-President Emeritus Dr Ugo Mifsud Bonnici

Nhar l-Erbgħa 28 t'Ottubru stedinna lill-E.T. il-President Emeritus Dr. Ugo Mifsud Bonnici biex permezz ta' intervista pubblika jaqsam magħna t-tifkiriet tiegħu b'mod partikolari dawk marbuta maż-Żejtun.

Waqt din l-intervista Dr. Mifsud Bonnici rrakonta dwar ir-rabta li hemm bejn il-familja Mifsud Bonnici u ż-Żejtun, li tmur lura għas-Seklu 18, meta Clement Mifsud Boniċi, li kien spiżjar, kien ħa ħsieb idewwi lil dawk midruba waqt l-imblokk tal-Franċiżi, kif ukoll kien strumentali sabiex ingiebet l-għajnuna permezz ta' ikel minn Sqallija waqt l-istess imblokk.












## MILL-ALBUM TAR-RITRATTI 2015








**LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI**
**IL-ĦADD 31 TA' JANNAR 2016**

**IL-MILIED U S-SENA TAJBA**



**Fittex WIRT IŻ-ŻEJTUN fuq facebook**